

Linji Gwida dwar il-prinċipju taċ-ċar kristall

Introduzzjoni

- 1.1 Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (minn hawn 'il quddiem "Regolament EIOPA")¹, l-EIOPA qiegħda tabbozza Linji Gwida dwar il-prinċipju taċ-ċar kristall.
- 1.2 Il-Linji Gwida jirrigwardaw l-Artikolu 104 u 105 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (minn hawn 'il quddiem "Solvibbiltà II")².
- 1.3 Dawn il-Linji Gwida jindirizzaw lill-awtoritajiet superviżorji taħt Solvibbiltà II.
- 1.4 Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jżidu l-konsistenza u l-konverġenza tal-prattika professjonali fl-applikazzjoni tal-prinċipju taċ-ċar kristall għal tipi u daqsijiet kollha ta' impriżi waħedhom permezz tal-formula standard fl-Istati Membri.
- 1.5 Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jappoġġjaw lill-impriżi fil-kalkolu tar-riskju tas-suq tagħhom relatat mar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza taħt Solvibbiltà II.
- 1.6 Huma biss każijiet li ma jkunux jikkwalifikaw diġà bħala tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju li huma kkunsidrati għall-applikazzjoni potenzjali tal-prinċipju taċ-ċar kristall. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jużaw tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju, is-suppożizzjoni hi li r-riskji sottostanti huma mifhuma u diġà ġew kkunsidrati konformi mal-prinċipju taċ-ċar kristall.
- 1.7 Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini għandhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.
- 1.8 Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

Linja Gwida 1 – Fondi tas-suq monetarju

- 1.9 L-impriżi għandhom japplikaw il-prinċipju taċ-ċar kristall għall-fondi tas-suq monetarju.

Linja Gwida 2 – Numru ta' iterazzjonijiet

- 1.10 L-impriżi għandhom iwettqu numru suffiċjenti ta' iterazzjonijiet tal-prinċipju taċ-ċar kristall, fejn xieraq (eż. meta fond jiġi investit f'fondi oħrajn) biex jinqabad kull riskju materjali.

¹ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48-83

² ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155

Linja Gwida 3 – Investimenti fi proprjetà immobbli

- 1.11 L-impriżi għandhom ikopru l-investimenti li ġejjin fis-submodulu tar-riskju tal-proprjetà:
- (a) art, bini u drittijiet tal-proprjetà immobbli;
 - (b) investiment fil-proprjetà miżmuma għall-użu proprju tal-impriża.
- 1.12 Għal investimenti ta' ekwità f'kumpanija involuta esklussivament fil-ġestjoni tal-faċilità, l-amministrazzjoni tal-proprjetà immobbli, l-iżvilupp ta' proġetti tal-proprjetà immobbli jew attivitajiet simili, l-impriżi għandhom japplikaw is-submodulu tar-riskju ta' ekwità.
- 1.13 Meta l-impriżi jinvestu fi proprjetà immobbli permezz ta' impriżi ta' investiment kollettiv jew investimenti oħrajn ippakkjati bħala fondi, dawn għandhom japplikaw il-prinċipju taċ-ċar kristall.

Linja Gwida 4 – Raggruppamenti tad-data

- 1.14 B'referenza għar-raggruppamenti msemmija fl-Artikolu 84(3) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, meta l-assi koperti fis-submoduli ta' riskju u ta' tixrid fuq ir-rata tal-imġax huma raggruppati skont il-faxex tad-duratura, l-impriżi għandhom jassiguraw li d-duraturi assenjati lill-faxex ikunu prudenti b'mod li jista' jintwera³.
- 1.15 Meta jintużaw raggruppamenti fost passi differenti ta' kwalità kreditizja, l-impriżi għandhom jiżguraw li l-passi tal-kwalità kreditizja assenjati lill-gruppi jkunu prudenti b'mod jista' jintwera.

Linja Gwida 5 – Raggruppamenti tad-data u riskju tal-konċentrazzjoni

- 1.16 Meta skont l-Artikolu 84(3) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, kwalunkwe raggruppament huwa applikat għall-iskoperturi b'isem wieħed tal-assi sottostanti tal-fondi kollettivi għall-kalkolu tal-allokkazzjoni tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq u ma jistax jintwera li l-gruppi li l-fond jinqasam fihom ma fihomx kwalunkwe mill-istess skoperturi taħt isem wieħed, l-impriżi għandhom jassumu li l-assi kollha li għalihom l-iskopertura attwali taħt isem wieħed mhix identifikata jappartjenu għall-istess skopertura taħt isem wieħed.
- 1.17 Il-paragrafu ta' hawn fuq mhuwiex applikabbli fejn il-limiti tal-iskoperturi għal skoperturi taħt isem wieħed jeżistu skont liema l-fond huwa ġestit.
- 1.18 L-impriżi għandhom jaggregaw l-iskoperturi għall-gruppi msemmija fil-paragrafu 1.16 tul il-fondi kollettivi kollha li jkunu investiti fihom u għandhom jirrikonċiljaw l-iskoperturi għall kull grupp mal-iskoperturi tal-ismijiet uniċi magħrufin fil-portafoll tal-assi tagħhom.

³ ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1-797

Linja Gwida 6 – Skopertura indiretta għar-riskju ta' katastrofi

- 1.19 Meta jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fir-rigward tal-iskoperturi indiretti għar-riskji ta' katastrofi, bħal investimenti f'bonds li għalihom il-ħlas lura huwa kontinġenti fuq in-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment ta' katastrofi partikolari, l-impriża għandhom jikkunsidraw kwalunkwe skopertura ta' kreditu u ta' katastrofi.
- 1.20 L-iskoperturi ta' katastrofi għandhom jiġu ttrattati fis-submoduli ta' katastrofi rilevanti daqs li kieku l-iskopertura ta' katastrofi sottostanti tinżamm direttament mill-impriża.

Linja Gwida 7 – Bonds ta' katastrofi maħruġa mill-impriża

- 1.21 Meta impiża toħroġ bonds ta' katastrofi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Artikoli 208 sa 215 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, it-trattament tagħhom fil-formula standard ma għandux jirriżulta f'għajjnuna tal-kapital fir-rigward tal-karatteristiċi ta' katastrofi ta' dawn il-bonds.
- 1.22 L-impriża għandhom jittrattaw dawn il-bonds ta' katastrofi fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza daqs li kieku l-iskeda ta' ħlas lura ma kinitx kontinġenti fuq in-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment ta' katastrofi.

Linja Gwida 8 – Bonds ta' lonġevità

- 1.23 Meta l-impriża jixtru bonds ta' lonġevità li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Artikoli 208 sa 215 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, huma għandhom jikkalkulaw l-allokazzjoni kapitali rigward ir-riskju tal-mortalità u tal-firxa kif stipulat fil-paragrafi 1.24 sa 1.28.
- 1.24 L-allokazzjoni kapitali tas-submodulu ta' mortalità tal-formula standard għandha tkun ibbażata fuq portafoll nozzjonali ta' kuntratti ta' assigurazzjoni ta' terminu:
 - (a) il-ħlas tas-somma partikolari mal-mewt;
 - (b) ibbażata fuq kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni ta' referenza sottostanti l-indiċi ta' lonġevità;
 - (c) fejn it-terminu ta' kull kuntratt ta' assigurazzjoni tat-terminu huwa ekwivalenti għat-terminu tal-ħlas tal-kupun.
- 1.25 Il-portafoll nozzjonali għandu jkun mibni minn impiża b'tali mod li taħt is-suppożizzjonijiet tal-aħjar stima, il-pagamenti totali ta' benefiċċju jammontaw għall-kupun pagabbli.
- 1.26 L-allokazzjoni kapitali tas-submodulu tar-riskju tat-tixrid għandha tkun ibbażata fuq bond jew self bl-istess valur tas-suq, id-durata u pass tal-kwalità kreditizja bħala l-istrument ta' lonġevità.
- 1.27 Meta l-impriża jbiegħu bonds ta' lonġevità dawn għandhom jikkalkulaw l-allokazzjoni kapitali fir-rigward tas-submodulu tal-lonġevità daqs li kieku l-portafoll nozzjonali jikkonsisti f'kuntratti ta' dotazzjoni, filwaqt li jħallsu is-

somma meħtieġa f'sopravivenza sa età partikolari, li kollettivament jipproduċu flussi ta' flus kontanti ekwivalenti għal daww tal-bond.

- 1.28 L-imprezi ma għandhomx jikkunsidraw bonds ta' lonġevità li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Artikoli 208 sa 215 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni biex jiżied il-valur meta jiġi applikat l-istress fil-modulu tar-riskju tas-sottoskrizzjoni tal-ħajja.

Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar

- 1.29 Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
- 1.30 L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.31 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.32 Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u jiġu rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Rieżamijiet

- 1.33 Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu soġġetti għal rieżami mill-EIOPA.